# Ħarsa lejn il-Vara Titulari

*minn Joseph Grima*

Għal bosta snin ma konniex ċerti min kien l-iskultur ta' l-istatwa titulari ta' Sant' Andrija li tinsab fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Kien hemm diversi persuni li kienu jissemmew bħala dawk li setgħu ħadmu din l-istatwa artistika. Għall-grazzja t'Alla, is-sejba ta' dokumenti importanti s-sena li għaddiet minn Dr. John Debono juru li din l-istatwa saret fl-1779 u hi xogħol l-iskultur Giuseppe Scolaro.

Mid-dokumenti misjuba jirriżulta li s-Surgent Andrea Camenzuli minn Ħal Luqa, li iżda kien joqgħod il-Birgu, kien ħallas lil Giuseppe Scolaro is-somma ta' 120 skud biex jaħdem statwa ta' Sant' Andrija kompluta bil-pedestall u bradella fuq id-disinn tal-Capumastru Ħalluqi Giuseppe Bonnici. Camenzuli kien irċieva l-istatwa fuq il-pedestall u l-bradella fil-5 ta' April 1779, skond il-ftehim li kellu ma' Scolaro. Nafu wkoll li Dun Ġużepp Micallef kien kiteb li l-Isqof Labini f'Novembru 1781 kien ra l-istatwa lesta fin-niċċa tagħha.

Minkejja li mhux ċar għal liema raġuni Andrea Camenzuli kien ordna l-istatwa ta' Sant' Andrija, hu probabbli li hu ried jgħaddi din l-istatwa lill-Parroċċa u hi l-istess waħda li l-Isqof Labini ra f'Novembru 1781. Dan il-fatt jista' jiġi konfermat billi fuq pjanċa żgħira mwaħħla mal-bażi ta' l-istatwa hemm miktub l-isem ta' Andrea Camenzuli u għalhekk tindika li l-poplu kien jaf min kien ħallas għall-istatwa. Wieħed jista' wkoll jistaqsi x'setgħet kienet ir-raġuni li Camenzuli jordna statwa kompluta bil-pedestall u l-bradella jekk ma kellux l-intenzjoni li tingħata lill-parroċċa biex tinġarr proċessjonalment.

**Restawr li sar maż-żmien**

Din l-istatwa matul dawn is-snin kollha kienet meqjuma b'għożża u b'qima kbira fil-Knisja Parrokkjali. Tant il-qima kienet kbira li wara li tnaqqxet minn Giuseppe Scolaro l-Ħalluqin ħasbu li jieħdu ħsieb din l-istatwa biex jgħadduha lill-ġeneraz-

għal paġna 5



L-istatwa titulari ta' Sant Andrija Appostlu kif nafuha llum wara li kienet restawrata minn Abrahm Gatt fl-1913.

# Ħarsa lejn il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa

*minn paġna 4*

zjonijiet oħra fl-aħjar kundizzjoni possibbli. Sfortunatament s'issa ftit għandna dettalji dwar it-tibdil li għaddiet minnu din l-istatwa iżda xi indikazzjonijiet hemm. Dun Ġużepp Micallef, fil-ktieb Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha, kiteb li bejn l-1820 u l-1824 kien sar pedestall ġdid iżda ma jgħidx min ħallsu jew ħadmu. Dan ifisser li dak maħdum minn Scolaro fl-1779 kien ġie mibdul.

Dun Ġużepp kiteb ukoll li f'xi żmien qrib l-1862 kien sar restawr fuq il-vara iżda anke f'dan il-każ għad m'għandniex dettalji dwar minn seta' għamel dan ir-restawr jew min ħallas għall-ispejjeż. Dan jurina li l-ewwel restawr li sar fuq l-istatwa seħħ madwar 80 sena wara li kienet skolpita.

Madwar 50 sena wara l-ewwel restawr sar it-tieni intervent fuq l-istatwa titulari. Dan seħħ fl-1913 meta l-Ħalluqin fdaw dan ix-xogħol f'idejn Abram Gatt ta' Bormla, wieħed mill-aqwa artisti li qatt ra pajjiżna. Dak iż-żmien il-Kappillan kien Dun Anton Vella minn Bormla wkoll. F'dan ir-restawr l-istatwa titulari għaddiet minn tibdil kbir li wassal biex l-istatwa ingħatat id-dehra kif nafuha llum.

It-tibdil li sar jista' jiġi konfermat grazzi għal ritratt uniku li jinsab fl-arkivji tal-parroċċa. Dan ir-ritratt meħud f'xi żmien qabel l-1913 juri l-istatwa ta' Sant' Andrija qabel ir-restawr li sar minn Abram Gatt. L-istatwa tidher fuq pedestall totalment differenti minn dak li nafu llum, probabbilment hu l-pedestall imsemmi minn Dun Ġużepp Micallef li kien sar bejn 1820 u l-1824. L-istatwa tidher ukoll fuq bradella li fortunatament għadha teżisti sa llum u li tinsab f'waħda mill-kmamar li hemm fil-kampnar tal-qanpiena l-kbira.

Meta tħares lejn dan ir-ritratt malajr jibdew jitqanqlu diversi kurżitajiet li sfortunatament jibqgħu bla tweġiba. X'sar minnu l-pedestall li jidher fir-ritratt? Hu evidenti li dan mhux l-istess wieħed li hemm illum. Kien inbiegħ jew kien ġie distrutt? Seta' kien ġie merfugħ fil-knisja u forsi tkisser fil-gwerra jew saħansitra ntrema aktar tard? Għalissa tweġibiet m'hemmx.

Mill-banda l-oħra hu faċli li tqabbel ir-ritratt ta' l-istatwa qabel ir-restawr ta' l-1913 ma' l-istatwa kif nafuha llum. Malajr tista' tidentifika t-tibdil li għamel Abram Gatt u kif l-istatwa



L-uniku dokument li għandna li juri kif kienet l-istatwa qabel ir-restawr ta'l-1913

ingħatat dehra aktar barokka u romantika minn dik oriġinali.

**Ħarsa lejn it-tibdil**

Id-dijadema ta' l-istatwa baqgħet l-istess waħda iżda żdiedu magħha disinji fuq iċ-ċirku ta' barra biex ingħatat dehra aktar barokka. Ir-ras ta' l-istatwa ftit li xejn intmesset għajr għal xi tinqix żgħir li ddefinixxa aktar il-wiċċ. It-tibdil fid-dehra kien affettwat l-aktar miż-żebgħa mill-ġdid tal-karnaġġjon u x-xagħar. Jidher ċar ukoll li l-partijiet ta' fuq taz-zkuk tas-salib ġew imtawla u definiti aħjar.

L-akbar tibdil sar l-ippaneġġjar tal-libsa. Abram Gatt żied il-qalba tad-drapp li ddur għall-wara s-salib fuq in-naħa tax-xellug tal-vara. Din ingħaqdet mal-libsa li mal-qadd tbaxxiet ftit filwaqt li żied ukoll ħabel li jorbot il-libsa fuq in-naħa tal-lemin tal-qadd. Abram Gatt bidel totalment il-bordura tal-libsa li twessgħet aktar filwaqt li d-disinn ta' fuq id-drapp ukoll sar ġdid. Interessanti hu l-fatt li l-qalba tad-drapp hi ta' l-istess lewn iżda d-disinn hu totalment differenti biex toħroġ id-differenza bejn in-naħa ta' barra u n-naħa ta' ġewwa tad-drapp.

Minbarra r-restawr li sar, fl-1913 Abram Gatt iddisinja pedestall ġdid kif ukoll bradella u bankun ġodda. Dawn kollha nħaddmu mill-Ħalluqi Luqa Griscti. L-indoratura saret minn Frangisku Coleiro tal-Belt Valletta. L-ispejjeż tal-pedestall il-ġdid tħallsu minn Mastru Nikola Sammut u ħuh Andrea kif kiteb Dun Ġużepp Micallef u kif kienet tindika skrizzjoni fuq qud-

*għal paġna 6*

# Ħarsa lejn l-istatwa titulari ta' Ħal Luqa

*minn paġna 5*

diem tal-pedestall. Din l-iskrizzjoni kienet tneħħiet meta l-pedestall kien indurat mill-ġdid fl-1980. L-istatwi tat-tnax-il appostlu li hemm fuq il-bankun kienu nġiebu mill-Awstrija. Tlieta kienu lesti għall-festa ta' Novembru1913 filwaqt li d-disgħa l-oħra waslu aktar tard eżattament fi Frar 1914.

Dawn l-opri ġodda għenu ħafna biex id-dehra ta' l-istatwa titulari tkun waħda kompluta bid-disinn tal-pedestall, il-bradella u l-bankun jikkumplimentaw ferm id-dehra l-ġdida ta' l-istatwa wara r-restawr. Id-disinn tal-pedestall, il-bradella u l-bankun huma ferm aktar elaborati minn dawk li kien hemm qabel ma sar ir-restawr. Ta' min jgħid li l-bankun l-antik għadu jintrama nhar it-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-festa liturġika ta' Sant' Andrija Appostlu.









Matul iż-żmien saru wkoll opri oħra li komplew sebbħu l-istatwa titulari. Naraw li fl-1947 kienu mżanżna girlanda tal-ganutell u erba' gastri tal-fidda kompluti bil-bukketti tal-ganutell. Dawn saru minn fuq disinn ta' Emanuel Buhagiar u l-ispejjeż tagħhom bdew jinġabru mill-Mons. Innoċenz Borg li sena qabel kien sar saċerdot. Dawn ħadu post sett ieħor bil-fjuri tad-drapp li wkoll għadhom jintużaw fil-festa liturġika f'Novembru.

L-aħħar interventi ta' restawr li saru fuq l-istatwa, il-pedestall, il-bradella u l-bankun kienu tnejn. Fl-1974 kien ingħata lostru ġdid bit-tajjara lill-bankun u l-bradella. Kif jirrakkonta l-Mons. Innoċenż Borg dan ix-xogħol sar b'xejn minn Joseph Demicoli minn Ħal Luqa li iżda kien joqgħod ir-Rabat. Ix-xogħol kien sar fil-knisja stess, eżattament fil-kor wara l-artal maġġur. Fl-1980 kien indurat mill-ġdid il-pedestall. L-ispejjeż ta' dan ix-xogħol kienu nħarġu minn benefattur li xtaq li jibqa' anonimu. Ix-xogħol sar minn Publius Magro tal-Floriana fl-aħħar sena tal-Kappillan Borg u fl-ewwel festa tal-Kappillan Dun Kalċ Vassallo. F'din l-istess sena Publius Magro kien naddaf il-karnaġġjon ta' l-istatwa biex tneħħa ħafna ħmieġ kawżat mix-xema' u mis-sfafar li kienu jinħarqu quddiem l-istatwa lejn l-aħħar tas-snin sebgħin.

Matul dawn l-aħħar 25 sena sar ukoll restawr fuq diversi oġetti li jżejnu l-istatwa. Fl-1994, fi żmien il-Kappillan Dun Alfred Vella, sar tindif u restawr tal-girlanda u l-bukketti tal-ganutell. Ix-xogħol sar mis-Sur Joe Mizzi mill-Mellieħa u l-ispiża ta' Lm500 ħarġithom benefattriċi anonima. F'Novembru 1996 kienet restawrata u bbanjata mill-ġdid id-dijadema li tintuża fil-festa. Ix-xogħol kien sar minn George Farrugia mix-Xewkija, Għawdex u l-ispiża ta' Lm90 tħallset minni. Għall-festa liturġika f'Novembru 2001 iżżanżnet girlanda ġdida tal-ganutell biex tintuża kuljum

*għal paġna 7*


**Stephen Mifsud**

***Fruit & Vegetables Hawker***

***Also available all groceries***

**St. Joseph's Street Luqa**

***Mob: 9946 5227***

**ACCOUNTS**

**('O' & 'A' LEVEL)**

**Private Lessons at Luqa**

**Qualified Tutor**

**Easy to follow notes**

**Tel: 79065585**

**JAMS**

**Ladies Wear and Accessories**

***22, Triq San Ġorg, Luqa***

***Tel: 2167 3219***

# Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha

*minn paġna 6*

waqt li l-istatwa tkun fin-niċċa. Ix-xogħol sar u tħallas mill-aħwa Rose u Tessie Ciappara. Din kienet tqiegħdet madwar l-istatwa mill-mibki Kappillan Dun Joe Camilleri.

**Konklużjoni**

Waħda mir-raġunijiet li ktibt dan l-artiklu hu li xtaqt nirrikonoxxi l-fatt li missirijietna dejjem ħabbew lill-qaddis protettur tar-raħal tagħna u dejjem raw kif beżgħu għall-patrimonju li ħallew missirijiethom qabilhom. Raġuni oħra hi li nixtieq inqajjem kuxjenza dwar l-istat li fih tinsab l-istatwa titulari fil-preżent. Kull sena meta nkun innaddaf il-vara titulari u nippreparaha għall-festa, ninnota qsim u movimenti fl-injam li jindikaw b'mod ċar li dalwaqt jasal iż-żmien li aħna, bħal ta' qabilna, nerġgħu nagħtu l-kura meħtieġa lil din l-istatwa artistika biex uliedna jgawduha fis-snin li ġejjin.

Ma' dan l-artiklu qed nippubblika ritratti ta' qsim u ħsarat oħra li forsi minn taħt l-istatwa ftit li xejn jidhru. Sfortunatament iżda dawn hemm qegħdin kif jixhdu r-ritratti pubblikati. Seba' snin oħra, fl-2013, ikun jaħbat għeluq il-mitt sena minn meta Abram Gatt irrestawra l-istatwa kif nafuha llum. Naħseb li għandna nibdew il-proċess ma' l-awtoritajiet tal-Knisja u nieħdu l-pariri neċessarji mingħand l-esperti biex aħna nagħtu rigal lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna billi nerġgħu nirrestawraw din l-opra hekk artistika li ta' kull sena isebbaħ it-tempju t'Alla u toħroġ tbierek ir-raħal tagħna f'jum il-festa.




Ftit ritratti li juru xi ftit mill-ħsarat u l-qsim li hemm fl-istatwa titulari u li jinħtieġu restawr fis-snin li ġejjin.




**Referenzi:**


1 Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha: Dr. John Debono, *Leħen il-Parroċċa - Ħal Luqa Lulju/Awissu 2005*

2 12. Festi u Purċissjonijiet: Dun Ġużepp Micalllef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha, Malta 1975,* pp.125-129

3 25. Il-Parroċċa matul is-seklu dsatax: Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha, Malta 1 975,* pp.241-254

4 28. Il-Bini tan-Navi: Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajji etha, Malta 1975,* pp.269-276

5 Testimonjanza verbali ta' Mons. Innoċenz Borg, Dun Kalċ Vassallo u Dun Alfred Vella f'Mejju 2006



Easy Come Store

2, Triq Dun Pawl
Luqa

Versatile
Ladies clothes (sizes from 8 to 30)
Variable prices
Costume Jewellery & Handbags
34, Triq Sant' Andrija, Luqa
Tel: 2182 1418, Mob: 7905 0323
E-mail: sweetangel07_06@hotmail.com
Audrey Ann Abdilla - Proprietor